MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 1130/2007

***Elmo Insurance Limited* (C – 3500)**

**Kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha**

***Miller Distributors Limited***

**vs**

***Carisma Limited***

**u**

**b’digriet datat it-8 ta’ Frar, 2008, gie kjamat fil-kawza**

**Mario Attard**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat it-30 t'Ottubru, 2007, li permezz tieghu s-socjetà rikorrenti nomine sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi s-socjetà assikurata li ghaliha qed tidher is-socjetà rikorrenti fl-atti ta' din il-kawza tiggestixxi hanut tal-kotba fil-*Valletta Waterfront* bl-isem ta' *"Agenda Bookshop"*;

1.2 Illi s-socjetà intimata tigestixxi *restaurant* fl-istess post bl-isem *ta' "Mannarinu Restaurant"* li hu sitwat fuq l-imsemmi hanut tal-kotba;

1.3 Illi fit-30 t'April, 2006, il-hanut tal-kotba fuq indikat gie invas bl-ilma provenjenti mill-fond tas-socjetà intimata;

1.4 Illi din l-invasjoni tal-ilma ikkagunat hsara konsegwenzjali fil-fond tas-socjetà assikurata fuq indikata fl-ammont ta' hamsa u tletin elf erbgha mija u tmienja u ghoxrin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€35,428.47);

1.5 Illi s-socjetà assikurata giet debitament indennizzata mis-socjetà rikorrenti ghall-akkadut li ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-istess socjetà assikurata;

1.6 Illi nonostante li s-socjetà intimata giet debitament interpellata biex taghmel tajjeb ghall-hsarat ikkagunati, din baqghet inadempjenti;

1.7 Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex is-socjetà intimata jkollha l-opportunità tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara lis-socjetà intimata unikament responsabbli ghad-danni, anke konsegwenzjali minnha ikkagunati fl-incident fuq riferit;

1.7.2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta’ hamsa u tletin elf erbgha mija u tmienja u ghoxrin Ewro u sebgha u erbghin centezmu, (€35,428.47), occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

1.7.3. Tikkundana lis-socjetà intimata thallas l-ammont likwidat tas-socjetà rikorrenti in linea ta’ danni;

1.7.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0 Rat ir-risposta guramentata tas-socjetà intimata datat s-6 ta’ Dicembru, 2007, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti;

2.1. Illi in kwantu diretti kontra is-socjetà intimata it-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma infondati, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2.2. Illi s-socjetà intimata mhix responsabbli ghall-incident *de quo* u ghad-danni subiti;

2.3. Illi l-event dannuz gara b’rizultat ta’ kawza fortuita u mhux b’nuqqas ta’ atti preventivi minn naha tas-socjetà intimata;

2.4. Illi qabel sehh l-incident in dizamina is-socjetà intimata kienet inkarigat bniedem tas-sengha, certu Mario Attard, biex jesegwixxi x-xogholijiet fil-fond meritu ta’ din il-procedura;

2.5. Illi ghalhekk, ghall-ekonomija tal-gudizzju, hu opportun li dan Mario Attard jigi kjamat in kawza;

2.6. Salv eccezzjonijiet ohra;

3.0 Rat ir-risposta guramentata ta’ Mario Attard, kjamat in kawza, datata s-26 ta’ Frar, 2008, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

3.1. Illi ma jistax jigi tenut responsabbli ghall-incident *de quo* stante li dan sehh *ai termini* tal-artiklu 1029 tal-Kapitlu 16;

3.2. Illi fi kwalunkwe kaz, mhux responsabbli ghall-akkadut ghaliex agixxa bi prudenza, diligenza u bl-attenzjoni ta’ *bonus pater familias* u ghalhekk, japplika l-artiklu 1032 tal-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-26 ta’ Jannar, 2009, li permezz tieghu innominat lill-avukat hemm indikata biex tismà x-xhieda prodotta, (ara foll 47);

5. Rat id-digriet taghha datat il-11 t’April, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz il-modalità hemm indikata, (ara foll 225), u kif sussegwentement mibdula, (ara foll 226);

6. Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

7. Ezaminat id-dikjarazzjonijet guramentati l-affidavidijietipprezentati in atti;

8. Ezaminat ix-xhieda mismugha minnha kif preseduta;

9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

10. Ezaminat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjetà rikorrenti datata l-4 ta’ Novembru, 2013, (ara foll 229);

11. Ezaminat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjetà intimata datata s-6 ta’ Frar, 2013, (ara foll 236);

12. Ezaminat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-kjamat in kawza datata t-22 t’April, 2014, (ara foll 245);

13. Rat il-verbal datat l-24 t’April, 2014, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali involuti ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti minnhom già ipprezentati;

Ikkunsidrat:

14.0 Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

14.1. Illi l-hanut gestit mis-socjetà assikurata mis-socjetà rikorrenti hu sitwat taht fond proprjetà tas-socjetà intimata;

14.2. Illi fil-fond proprjetà tas-socjetà intimata kien qed isir xoghol estensiv fuqu biex din tkun tistà topera *restaurant* minnhu;

14.3. Illi biex dan ikun jistà jsir is-socjetà rikorrenti inkarigat lil Mario Attard, il-kjamat in kawza, biex jistalla sistema ta’ *plumbing* fl-istess fond;

14.4. Illi nonostante li l-pajpijiet u *“joints”* stallati kienu godda, fit-30 t’April, 206, dawn il-pajpijiet infaqghu bil-konsegwenza li mal-lejl hareg l-ilma li thalla miftuh u allaga il-fond

immedjatament tahtu bil-konsegwenzi kollha dannuzi gas-socjetà assikurata fuq riferita;

14.5. Illi a bazi tax-xhieda tal-*accountant* inkarigat mis-socjetà rikorrenti biex jivverifika d-danni sofferti mis-socjetà assikurata u tac-*Chief Financial Officer* tal-istess socjetà assikurata, jirrizulta debitament assodat li l-hsarat komplessivi sofferti mill-istess minhabba l-perkolazzjoni tal-ilma in dizamina kienet tammonta ghal hamsa u tletin elf, erbgha mija u tmienja u ghoxrin Ewro u erbghin centezmu, (€35,428.46), (ara foll 40, 42 – 44, 61, 62 u 63);

14.6. Illi l-ammont komplessiv involut kien wkoll gie debitament risarcit lis-socjetà assikurata mis-socjetà rikorrenti assikuratrici, li kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-istess skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

15. Illi d-danni ikkagunati kienu rizultat ta' perkolazzjoni estensiva ta' l-ilma li hareg mill-pajpijiet li kienu gew stallati mill-kjamat in kawza fil-proprjetà tas-socjetà intimata;

16.0 Illi fir-rigward ta' tali stallazzjoni l-kjamat in kawza sintetikament isostni s-segwenti:

16.1. Illi fix-xoghol tieghu uza l-prudenza, diligenza u l-attenzjoni ta' *bonus pater familias*;

16.2. Illi l-incident sehh imhabba forza magguri;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi fir-rigward tal-linja difensjonali addottata mill-kjamat in kawza ghandu jinghad is-segwenti:

17.1. Illi in vista tal-premess l-uzu tal-prudenza, diligenza u attenzjoni tal-livell ta' *bonus pater familias* mhux garanzija li ma jinqalghux incidenti li ma jkunux mistennija;

17.2. Illi ghalkemm jistà jaghti l-kaz li dawn il-hsarat riskontrati sehhew minhabba forza magguri, ghandu jinghad ukoll li teknici li jitqabbdu jezegwixxu xogholijiet ta' tali natura ghandhom jassiguraw li x-xoghol minnhom ezegwit m'ghandu qatt jikkaguna hsarat – la lill min ikun inkarighom – u wisq anqas lil terzi injari;

Ikkunsidrat:

18. Illi skont l-istess kjamat in kawza jirrizulta li l-kawza tal-hsarat kollha riskontrati kienet meta:

"... inqalghet bicca *fitting* minn mal-pajpijiet ...", (ara foll 223);

Ikkunsidrat:

19. Illi ghalhekk, nonostante d-diligenza kollha li l-istess kjamat in kawza setgha ezercita u effettivament jallega li ezercita, (ara foll 223), fl-esekuzzjoni tad-doveri teknici tieghu, xorta jibqà l-fatt li jirrizulta li kawza tal-incident in dizamina kienet rizultat tal-operat dirett tieghu u li ghalih hu kien l-uniku persuna responsabbli billi l-ilma li ikkaguna l-hsarat kollha in dizamina irrizulta li hareg mill-pajpijiet li wahhal hu stess u li kien id-dover tieghu li jassigura li dan ma javverax ruhhu;

20. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li meta s-socjetà intimata ghamlet l-ghazla taghha li tappunta lill-kjamat in kawza bhala l-appaltatur biex iwahhal il-pajpijiet in dizamina, din kienet accettat li dan kien *electrician* u *plumber* kwalifikat u akkreditat li kien ilu jezercita l-professjoni tieghu mill-1990, (ara foll 205);

Ikkunsidrat:

21. Illi ghalkemm jidher li l-incident in dizamina setgha kien ikkagunat imhabba zieda qawwija u imprevista fil-pressa tal-ilma, ghandu jkun ukoll pacifiku li l-pajpijiet uzati mill-kjamat in kawza ghandhom ikunu ta' kwalità tali li jifilhu ghal tali sbalz fil-provista tal-ilma, ghaliex altrimenti tghereq Malta kollha kull darba li jigri dan;

22. Illi ghalhekk, wara li ezaminat il-fatti kollha esposti, ma jirrizultax li s-socjetà intimata naqset fl-obbligi taghha fir-rigward stante li l-ghazla tal-*plumber* li ghamlet, ghamlitha b'mod serju, diligenti u konxja mill-kwalifiki teknici akkreditati tal-persuna li intghazlet;

Ikkunsidrat:

23.0 Illi rigward id-danni sofferti mis-socjetà assikurata fuq riferita minhabba l-ilma li skula fil-fond minnha gestit, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi l-istess socjetà soffriet danni inigenti fil-*parquet u fl-ghamara* taghha, (ara foll 21 u 23),

23.2. Illi l-istess socjetà soffriet ukoll danni fl-*istock* tal-kotba u tal-pubblikazzzjonijiet li hemm kellha;

23.3. Illi l-ammont komplessiv ta' danni minnha riskontrat kien ekwivalenti ghal hamsa u tletin elf, erbgha mija u tmienja u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€35,428.46), liema ammont gie debitament lilha imhallas mis-socjetà rikorrenti, (ara foll 61 sa 63);

Ikkunsidrat:

24.0 Illi rizultat tas-suespost, jistà sintetikament jigi riassunt is-segwenti:

24.1. Illi s-socjetà assikurata soffriet id-danni fuq indikati imhabba l-ilma li dahal ghandha mill-proprjetà sovrastanti;

24.2. Illi l-ilma li hareg mill-*pipe* fir-*restroom* tan-nisa hareg meta infetah *pipe* tal-ilma li kien stallat hemmhekk;

24.3. Illi l-pajpijiet stallati fil-fond proprjetà tas-socjetà intimata kienu gew stallati mill-kjamat in kawza;

24.4. Illi l-kjamat in kawza hu *electrician* u *plumber* akkreditat b’diversi snin t’esperjenza;

Ikkunsidrat:

25. Illi in vista tal-istess, is-socjetà intimata m’ghandiex tigi akkollata bir-responsabbilità tal-akkadut stante li l-ghazla li ghamlet meta inkarigat lill-kjamat in kawza bhala l-appaltatur in dizamina ghamlitha b’mod diligenti u tajjeb;

26. Illi ghalhekk ir-responsabbilità unika tal-akkadut ghandha tistrieh esklussivament fuq il-kjamat in kawza li stalla l-apparat kollu involut;

Ikkunsidrat:

27.0. Illi rigward id-difiza ta’ “forza magguri” u “kaz fortuwitu” sollevat mill-kjamat in kawza ghandu jinghad is-segwenti:

27.1. Illi gie ritenut f’**Pirotta vs Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet, Qorti tal-Appell,** datata t-**3 t’Ottubru, 2008**, li:

> “Skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, ‘il-forza magguri’ hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibli li wiehed jirrezisti, mentri ‘kaz fortuwitu’ hu dak l-avveniment li ma setghax ikun prevedut minn persuna ta’ ordinarja diligenza”;

27.2. Illi ghalhekk, fil-kaz ta’ “kaz fortuwitu” jinhtieg l-element ta’ inprevedibilità u inevitabbilità, u fejn ikun hemm konkorrenza ta’ agir, kemm posittiv jew negattiv, tal-persuna, allura l-event in dizamina ma jibqax jinghad li jikkwalifika bhala kaz fortuwitu;

Ikkunsidrat:

28. Illi kif abbilment irriteniet ir-rapprezentant legali tas-socjetà rikorrenti fin-nota taghha fuq già indikata, mill-fatti li irrizultaw jidher li hu pacifiku u l-hsarat in dizamina sehhew minhabba hsara riskontrata fl-altrezzatura u l-istallazzjoni tal-pajpijiet in dizamina li twahhlu fil-fond tas-socjetà intimata mill-kjamat in kawza;

29. Illi f'dan, ir-rigward il-**Franzoni** isostni f' **"Le Obbligazzjoni da Fatto Illecito"** Utet**,** 2004, p. 292:

> " ... il danneggiato è gravato soltanto dall'onere di demostrare l-esistenza del rapporto eziologico tra la cosa e l'evento del danno, mentre sul convenuto grava l'onere di provare l-esistenza di un fattore, estraneo alla sua sfera soggettiva, idoneo ad interrompere quel nesso causale";

Ikkunsidrat:

30. Illi fid-difisa tieghu ghall-akkadut il-kjamat in kawza jsostni li d-danni kkagunati kien rizultat ta' zieda fil-pressa;

31. Illi f'dan ir-rigward, filwaqt li jallega li dawn id-danni kienu ikkawzati billi l-pressa zdiedet ghal ghaxar (10) *"bars"*, (ara foll 206), fl-istess hin isostni li l-pajpijiet minnhu stallati kienu jifilhu pressa ta' hmistax –il *"bar"*, (ara foll 206 u 223);

32. Illi l-iskular ta' l-ilma li kien il-koncepiment tal-kawza odjerna ma kienx l-uniku wiehed u kien precedut minn ohrajn;

33. Illi ghalhekk, appaltatur li verament ezercita l-oneru tieghu bhala *"bonus pater familias"* kien facilment setà jevita l-hsarat issa riskontrati billi kien jirrimedja preventivament ix-xoghol minnhu istallat;

34. Illi ghandu finalment jigi wkoll sottolineat li ghalkemm saret referenza ghall-pressa ta’ l-ilma kif fuq deskritta, l-ebda prova oggettiva ma ingiebet fir-rigward mill-istess kjamat in kawza;

Ikkunsidrat:

35. Illi rigward l-ammont ta’ danni sofferti mis-socjetà assikurata li taghhom ghamlet tajjeb is-socjetà rikorrenti, din il-qorti hi sodisfatta li mid-dokumentazzjoni prodotta in atti l-ammont hekk mitlub jirrizulta debitament ipprovat mill-istess;

**DECIDE:**

36.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetà attrici ippruvat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

36.1. Takkolji t-talbiet tas-socjetà rikorrenti limitatament meta indirizzati fil-konfront tal-kjamat in kawza;

36.2. Takkolji wkoll ir-risposta guramentata tas-socjetà intimata *“Carisma Limited”* u ghalhekk tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju;

36.3. Tirrespingi r-risposta guramentata tal-kjamat in kawza;

36.4. Illi in vista tas-suespost:

36.4.1. Tiddikjara lill-kjamat in kawza Mario Attard unikament responsabbli ghad-danni, anke konsegwenzjali ikkagunati fl-incident in dizamina fuq riferit;

36.4.2. Tillikwida d-danni involuti fl-ammont komplessiv ta’ hamsa u tletin elf, erbgha mija u tmienja u ghoxrin Ewro, u sebgha u erbghin centezmu, (€35,428.47);

36.4.3. Tikkundanna lill-kjamat in kawza Mario Attard biex ihallas d-danni hekk likwidati fil-paragrafu precedenti lis-socjetà rikorrenti *“Elmo Insurance Limited”*;

36.4.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess kjamat in kawza fuq riferit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------